Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0241(COD)

13.7.2026

EMENDI
809 - 1080

Abbozz ta' rapport
Norbert Lins
(PE787.635v01-00)

L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0560 – 2025/0241(COD))

Emenda 809
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The amendment aims to retain a clear, proportionate and workable conditionality system based solely on statutory management requirements listed in Annex I, Part A. This would ensure a common baseline across the Union, preserve legal certainty and maintain a genuine level playing field between farmers in different Member States.

The Commission proposal replaces the current concept of conditionality with the broader concept of "farm stewardship". However, in substance, it would maintain many of the existing constraints while adding new layers of obligations, interpretation and control. This risks repeating the problems of the current conditionality system, which has already been widely criticised for creating a disproportionate administrative burden for farmers, paying agencies and national authorities.

Limiting conditionality to statutory management requirements is therefore essential. These requirements are already grounded in EU legislation and provide a common, legally defined framework. By contrast, nationally or regionally defined protective practices would create a high risk of divergent implementation, unequal treatment and further renationalisation of the CAP. Farmers in different Member States could be subject to substantially different baseline obligations while receiving support under the same EU policy. This would undermine commonality and the level playing field.

Measures going beyond statutory management requirements should not be imposed as basic eligibility conditions for CAP payments. Where farmers are expected to deliver additional environmental, climate or management commitments beyond the legal baseline, these should be implemented through dedicated voluntary interventions and properly compensated. Additional public goods must be supported by incentives, not transformed into uncompensated mandatory obligations.

Emenda 810
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. es

Emenda 811
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Intendenza tal-azjendi agrikoli	***Kundizzjonalità*** ***1. Il-kundizzjonalità għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bil-SMRs]*** ***2. Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), l-ittri (a) sa (c), u l-ittri (f) u (j), u l-Artikolu 5(2), il-punti (a) sa (c), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' kundizzjonalità bbażata fuq ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bl-SMRs].*** ***3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi temporanji mill-kundizzjonalità, meta l-kundizzjonijiet tat-temp jipprevjenu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra milli jimplimentaw dawk il-prattiki. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-derogi temporanji jkunu limitati fl-ambitu u fid-durata tagħhom sa fejn ikun meħtieġ, jingħataw abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The combination of protective practices with the "do no significant harm" principle would be particularly problematic. Agriculture is already subject to a dense framework of environmental, climate, animal welfare, emissions, water protection and nature conservation legislation. Introducing DNSH as an additional horizontal assessment criterion would not

bring substantial added environmental value. Instead, it would create new testing, verification and documentation requirements, increase legal uncertainty and risk double regulation and overlap with existing instruments. At a time when simplification, reduction of bureaucracy and practical feasibility are rightly demanded at both EU and national level, the introduction of another abstract and unclear evaluation standard would send the wrong signal.

Agricultural holdings need reliable, coherent and workable framework conditions. They should not be confronted with yet another layer of obligations whose boundaries vis-à-vis existing regulatory requirements are unclear. For this reason, DNSH should not apply to CAP interventions, and any potential reference to a principle of "no backsliding" should equally be avoided.

The amendment also removes social conditionality. Breaches of labour and social legislation are already subject to enforcement and sanctions under the relevant national and EU legal frameworks. Linking the same breaches again to reductions of CAP payments creates a clear risk of double penalties. It would also add disproportionate bureaucracy and compliance costs without substantial added value for the functioning of the CAP.

The proposed deletion of paragraphs on protective practices, DNSH-related compliance logic and social conditionality therefore makes the system more proportionate, legally clearer and administratively feasible. It keeps conditionality focused on a common legal baseline, while leaving high

Emenda 812
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Intendenza tal-azjendi agrikoli	***Kundizzjonalità***

Or. en

Emenda 813
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta'	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta'

ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri ***fil-Pjan SNR*** f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.	ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri ***fil-PAK*** f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B. ***Il-bdiewa li jdaħħlu fis-seħħ miżuri relatati mal-klima skont strumenti oħra tal-Unjoni, inkluża l-produzzjoni tal-bijomassa agrikola f'konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001, għandhom jibqgħu eliġibbli bis-sħiħ għall-appoġġ skont dan ir-Regolament.***
	Or. pt

Emenda 814
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***, sakemm Stat Membru ma jkunx wera għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu tagħti lill-ħaddiema agrikoli livell ekwivalenti jew ogħla ta' protezzjoni, f'liema każ ir-***

rekwiżiti tal-Anness I, il-Parti B ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm riskju li l-inklużjoni tal-Kundizzjonalità Soċjali fl-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli twassal għal penali doppji għan-nuqqas ta' konformità, u diġà hija prevista fil-Leġiżlazzjoni Nazzjonali. Għalhekk, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jkunu eżentati minn dawn ir-rekwiżiti meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi elementi ta' protezzjoni xierqa.

Emenda 815
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-intendenza tal-azjendi agrikoli*** għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.***	1. ***Il-kundizzjonalità*** għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]

Or. en

Emenda 816
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-intendenza tal-azjendi agrikoli*** għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta'	1. ***Il-kundizzjonalità*** għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-

ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.

Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)].

Or. en

Emenda 817
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. fr

Emenda 818
Christine Singer, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli

għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.***	għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli soċjali u tax-xogħol diġà huma rregolati u infurzati skont leġiżlazzjoni ddedikata. Hemm riskju li r-rabta tagħhom mal-pagamenti tal-PAK toħloq pożijiet amministrattivi addizzjonali u kontrolli doppji għall-bdiewa, mingħajr ma ttejjeb l-effettività tal-infurzar. Il-PAK għandha tibqa' ffukata fuq li tappoġġja l-produzzjoni agrikola, is-sigurtà tal-ikel, l-intendenza ambjentali u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli.

Emenda 819
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 820
Marion Walsmann, Oliver Schenk, Alexandra Mehnert, Ilia Lazarov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 821
Jessika van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 822
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 823
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 824
Tomáš Kubín, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 825
Wouter Beke, Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)] ***u l-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 826
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)] ***u l-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 827
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)] ***u l-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 828
Asger Christensen, Emma Wiesner, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, ***il-Parti*** A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, ***u l-Parti*** A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-SMRs dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali koperti mill-kundizzjonalità soċjali diġà huma rregolati tajjeb inklużi sanzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri. Għalhekk, il-kundizzjonalità se twassal għal sanzjonar doppju tal-istess ksur. Għalhekk, ir-rekwiżit għandu jitneħħa biex tiġi żgurata aktar simplifikazzjoni. Barra minn hekk, hemm riskju li xi wħud mid-dispożizzjonijiet li jimminaw il-kompetenzi tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mar-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol.

Emenda 829
Ton Diepeveen, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], ***il-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], ***u l-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR

f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C.

Or. en

Emenda 830
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti ***mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness*** I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti ***fl-Anness*** I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.

Or. fr

Emenda 831
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi	1. ***I.*** L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi

definiti ***mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness*** I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.	definiti ***fl-Anness*** I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni tal-kundizzjonalità mill-2005 'l hawn issa hija stabbilita sew fost il-bdiewa. Il-proċess tas-simplifikazzjoni li tnieda fl-2024 u tkompla fl-2025 tejjeb l-implimentazzjoni tagħha, u għamilha aktar konformi mal-prattiki agronomiċi. Għal din ir-raġuni, u biex jiġi evitat aktar tibdil għall-bdiewa, il-BCAA attwali għandu jibqa' l-istess u jifforma parti integrali mis-sistema l-ġdida tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli.

Emenda 832
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti ***mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4*** ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)], il-prattiki protettivi definiti ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tal-kundizzjonalità, u l-applikazzjoni tiegħu, ilu prattika stabbilita sew fost il-bdiewa għal aktar minn 20 sena. Il-proċess ta' simplifikazzjoni mniedi fl-2024 u li tkompla fl-2025 tejjeb l-implimentazzjoni u l-konformità tiegħu mal-prattiki agronomiċi. Din hija r-raġuni għaliex, anke sabiex tiġi pprovduta ċertezza lill-bdiewa, il-KAAT attwali għandhom jinżammu wkoll fis-sistema l-ġdida ta' intendenza tal-azjendi agrikoli.

Emenda 833
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)] ***u l-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.

Or. en

Emenda 834
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Csaba Dömötör, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)]***, il-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C***, u s-sistema*** ta' kundizzjonalità soċjali ***li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B***.	1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)] ***u l-prattiki*** protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C**.**

Is-sistema ta' kundizzjonalità soċjali ***għandha tapplika f'konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u dak nazzjonali***.

Or. en

Emenda 835
Ciaran Mullooly, Michael McNamara

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Artikolu 3a (ġdid) (dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR)
	Il-kontrolli amministrattivi għandhom isegwu approċċ "ipprevjeni l-ewwel, ippenalizza l-aħħar", bin-nuqqasijiet ta' konformità żgħar jiġu indirizzati permezz ta' pariri u azzjonijiet korrettivi pjuttost milli penali finanzjarji l-ewwel darba li jseħħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġie maqbul li dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR jiġi ttrasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: Inserzjoni tal-punt 1 tas-sentenza ta' hawn fuq.

Emenda 836
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi ***msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali,*** għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta'	Il-pagamenti skont l-interventi ***li ġejjin*** għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli"***:***

ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

(i) l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f);

(ii) l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (o) u (p), li jirreferu għall-appoġġ għal prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu (korrispondenza mal-Artikolu 44 tal-PSNR) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 48 tal-PSNR.

Il-lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-objettivi tal-prattiki protettivi huma stabbiliti fl-Anness I. Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C, ma għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).

Or. ro

Emenda 837
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), ***u l-punti*** (o) u (p)***, sa fejn*** jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali***, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli"***.	Il-pagamenti skont ***l-interventi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-konformità mal-"intendenza tal-azjendi agrikoli":***
	(i) l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f)***;***
	(ii) l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), ***il-punti*** (o) u (p) ***li*** jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali ***msemmija fl-Artikolu (li jikkorrispondi għall-Artikolu 44 tal-PSNR) ta' dan ir-Regolament u fl-***

***Artikolu 48 tal-PSNR*.**

Or. en

Emenda 838
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa ***(f)***, u l-punti ***(o) u (p)***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa ***(c)***, u l-punti ***(f) u (j) u l-Artikolu 5(1a), il-punti (a) sa (c)***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Emenda 839
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p)***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali,*** għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p) għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Emenda 840
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p)***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali***, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p), għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Emenda 841
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa ***(f)***, u l-punti ***(o) u (p)***, sa fejnjikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' ***rekwiżiti*** statutorji ta' ġestjoni ***u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli"***.	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), ***(A)*** il-punti(a) sa ***(c)***, u l-punti ***(f) u (j) u (B) il-punti (a) sa (c)***, sa fejnjikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' ***kundizzjonalità bbażata fuq ir-rekwiżiti*** statutorji ta' ġestjoni ***elenkati fl-Anness I, il-Parti A [l-Anness bl-SMRs]***.

Or. en

Emenda 842
Emma Wiesner, Christine Singer, Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni ***u*** ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni**,** ta' prattiki protettivi ***u ta' azzjonijiet ta' promozzjoni*** kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Emenda 843
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1)***, il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p),*** sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1) sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonalità soċjali għandha tapplika fis-settur tal-frott, tal-ħxejjex u tal-inbid għall-interventi kollha tal-PAK peress li dawn huma setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema.

Emenda 844
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1)***, il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p)***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jestendi l-ambitu tal-intendenza tal-azjendi agrikoli għall-pagamenti kollha, mhux biss għall-frott u l-ħxejjex.

Emenda 845
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu ***5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p)***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu ***5***, sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli.

Or. de

Emenda 846
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa ***(f)***, u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa ***(g)***, u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Emenda 847
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa ***(f)***, u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".	Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Or. en

Emenda 848
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-objettivi tal-prattiki protettivi huma stabbiliti fl-Anness I.	Il-lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-objettivi tal-prattiki protettivi huma stabbiliti fl-Anness I. ***L-Istat Membru għandu jibqagħlu biżżejjed flessibbiltà fl-***

implimentazzjoni tal-prattiki protettivi sabiex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ambjentali, klimatiċi u agrikoli lokali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

To ensure that farm stewardship is a proportionate, flexible and practical manner, while respecting the principle of subsidiarity and reducting unnecessary administrative burdens for farmers. The amendments stregthen Member States` ability to adapt environmental and social requirements to national and regional conditions, avoid duplication with existing legislation, and provide appropiate simplifications for small and medium-sized farms without compromising the objectives of the Common Agricultural Policy. The amendments reinforce the principales of subsidiarity, proportionality and simplification by allowing Member States to tailor protective practices to national and regional conditions while reducing unnecesary administrative burdens and duplication of controls. They ensure that environmental objectives are achived without imposing additional obligations beyound existing legislation, safeguard farmers` competitiveness and productivity and recognise equivalent environmental certification schemes where deliver comparable outcomes. The amendments strengthen subsidiarity by giving Member States greater flexibility to respond to exceptional circumstances affecting agricultural production and to adapt implementation to national conditions. It aim to ensure that the farm stewardship control system is based on proportionality, simplification and legal certainty.

Emenda 849
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-lista fl-Anness I, il-Parti B tista' tiġi kkomplementata fil-livell nazzjonali permezz ta' dispożizzjonijiet legali rilevanti addizzjonali u referenzi għall-ftehimiet kollettivi applikabbli għal impriżi komparabbli fiż-żona ġeografika, il-professjoni u s-settur rilevanti.* ***Tali referenzi jistgħu jinkludu ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali u ftehimiet kollettivi li, għalkemm mhumiex formalment iddikjarati li huma applikabbli b'mod universali, huma applikati b'mod mifrux fis-settur jew fit-

territorju rilevanti.

Or. en

Emenda 850
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C, ma għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).	***imħassar***

Or. de

Emenda 851
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C, ma għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).	***imħassar***

Or. en

Emenda 852
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C, ma għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).	***imħassar***

Or. en

Emenda 853
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C, ma għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli b'mod ġenerali għandhom japplikaw għall-bdiewa kollha li jirċievu appoġġ mill-PAK.

Emenda 854
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C***, ma***	Madankollu, ***għalkemm*** il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C japplikaw

għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).	għall-bdiewa ***kollha inklużi dawk*** li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g) ***sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw pagamenti ta' inċentiv addizzjonali 'l fuq mil-linja bażi, dawk il-bdiewa skont l-Artikolu 5(1)(g) ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontrolli, f'konformità mal-Artikolu 62(1) tar-[Regolament SNR], u d-daqs għandu jitqies fil-valutazzjoni tar-riskju li tintuża biex jintgħażlu l-kampjuni ta' kontroll***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

	9a. Jekk il-benefiċjarji għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-prattiki protettivi rilevanti f'konformità mal-paragrafu 9 f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu/juru b'mod ċar fil-pjan SNR kif il-prattika ta' ġestjoni rilevanti fl-Artikolu 10 tissodisfa jew tilħaq b'mod ekwivalenti l-objettiv tal-prattika protettiva rilevanti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Il-koerenza u l-konsistenza fihom għandhom jiġu

vverifikati fil-verifika tal-koerenza u tal-konsistenza tal-Kummissjoni tal-partijiet tal-PAK tal-pjanijiet tal-NRP, kif deskritt fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 1073
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Fil-Pjanijiet SNR tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-konformità ma' prattika protettiva waħda jew aktar tista' tintwera permezz tal-kisba ta' riżultati li jistgħu jitkejlu fil-livell tal-azjenda, abbażi ta' indikaturi oġġettivi u verifikabbli, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fi skemi ċċertifikati ta' sostenibbiltà. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lill-bdiewa u lill-organizzazzjonijiet tal-biedja fit-tfassil ta' tali approċċi bbażati fuq ir-riżultati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Paragrafu ġdid, innumerat mingħajr preġudizzju għall-paragrafi l-ġodda 9a u 9b proposti mir-rapporteur fl-abbozz ta' rapport tiegħu (emendi 26 u 27). L-iffukar fuq l-eżiti aktar milli fuq mezzi preskrittivi jagħti lill-bdiewa l-flessibbiltà biex jinnovaw, inaqqas il-burokrazija, u jippremja l-prestazzjoni reali. Il-proġetti pilota ta' suċċess fl-Istati Membri juru li l-approċċi bbażati fuq il-KPI jaħdmu. Għalhekk, jistħoqqilhom bażi legali ċara taħt l-intendenza tal-azjendi agrikoli, flimkien mar-rikonoxximent ta' prattiki ekwivalenti skont il-paragrafu 9.

Emenda 1074
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Fond Ewropew għall-Prevenzjoni u r-Reparazzjoni tal-Mard Ekoloġiku.
	(a) B'dan qed jiġi stabbilit Fond Ewropew għall-Prevenzjoni u r-Reparazzjoni tal-Mard Ekoloġiku biex jiffinanzja r-rikonoxximent aċċellerat tal-mard okkupazzjonali marbut mal-esponiment tal-bdiewa għal inputs agrikoli perikoluż, kura medika u kumpens għall-vittmi, u riċerka fl-epidemjoloġija agrikola.
	(b) Il-Fond għandu jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjoni obbligatorja mill-produtturi u minn dawk li jqiegħdu fis-suq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkummerċjalizzati fl-Unjoni, ikkalkulata fi proporzjon mal-fatturat tagħhom u l-periklu tas-sustanzi mqiegħda fis-suq, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.
	(c) Il-bdiewa rikonoxxuti bħala vittmi ta' mard okkupazzjonali marbut mal-esponiment għall-inputs agrikoli għandhom jibbenefikaw minn proċedura ta' kumpens simplifikata u aċċellerata, mingħajr preġudizzju għall-iskemi nazzjonali eżistenti, li l-Fond jikkomplementa.
	Or. fr

Emenda 1075
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Meta benefiċjarju ma jkunx stabbilit fl-Unjoni iżda jwettaq attivitajiet agrikoli fi Stat Membru partikolari, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tista', bħala kundizzjoni għall-pagament, titlob lill-benefiċjarju jipprovdi

l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli, inklużi rekords relatati mal-użu tal-art, in-newba tal-għelejjel, il-ġestjoni tal-bhejjem u l-applikazzjoni ta' inputs f'żoni agrikoli ġestiti minn dak il-benefiċjarju, jew jissottometti ruħu għall-kontrolli.

Or. en

Emenda 1076
Dario Nardella, Giuseppe Antoci, André Franqueira Rodrigues, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament SNR [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20j (ġdid) [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u mill-penali skont dan l-Artikolu, ħlief għas-sistema tal-kundizzjonalità soċjali.
	Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-

riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, u l-istandards tax-xogħol applikabbli, biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu. Meta jinfurzaw il-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lis-sħab soċjali nazzjonali rilevanti li jirrappreżentaw lill-maniġment u lill-ħaddiema fis-settur agrikolu. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija ta' dawn is-sħab, kif ukoll id-drittijiet tagħhom li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw riżorsi finanzjarji adegwati għall-ispezzjoni u għall-kontroll effettivi tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, il-Parti B ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull sena, jiġu spezzjonati jew ikkontrollati mill-inqas 10 % tal-benefiċjarji tal-pagamenti skont l-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal dawk l-Istati Membri li fihom jitwettqu spezzjonijiet mis-sħab soċjali, jew bl-involviment tagħhom.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, fejn ikun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli

f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u klassifikazzjoni tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza jew tal-okkorrenza mill-ġdid u tal-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament XX [intendenza tal-azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) in-nuqqas ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 1b (ġdid) (2) [definizzjoni qafas tal-attività agrikola];

(b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 1a (ġdid), (4a) [definizzjonijiet - azjenda] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

Madankollu, jekk in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna żoni forestali, il-penali msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhomx jiġu applikati meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe żmien fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli.

Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis

jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u (p) ta' dak ir-Regolament, sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, ta' dan ir-Regolament mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità. Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk:

(a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali;

(b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.

6. B'deroga mill-paragrafu preċedenti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu

sistema ta' klassifikazzjoni li tispeċifika l-penali amministrattivi applikabbli għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B, żviluppata f'konsultazzjoni sħiħa mas-sħab soċjali li jirrappreżentaw lill-maniġment u lill-ħaddiema fis-settur agrikolu. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkludi tnaqqis fil-pagamenti u l-benefiċċji tal-PAK u, meta jkun applikabbli, esklużjoni totali minn tali pagamenti u benefiċċji. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tiddetermina t-tnaqqis applikabbli billi tqis is-severità tal-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, l-għadd ta' ħaddiema affettwati, ir-riokkorrenza u l-intenzjonalità.

It-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 7 % tal-ammont totali tal-pagamenti u l-benefiċċji tal-PAK riċevibbli u għandu jiżdied b'mod progressiv skont is-serjetà tal-ksur u l-għadd ta' ħaddiema affettwati. Meta l-istess nuqqas ta' konformità jippersisti jew jerġa' jseħħ fi żmien tliet snin kalendarji konsekuttivi, it-tnaqqis għandu jiżdied b' 50 %.

L-Istati Membri għandhom jeskludu mill-pagamenti msemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament lill-benefiċjarji li jkunu nstabu ħatja b'sentenza definittiva fil-livell nazzjonali ta' sfruttament sever tal-ħaddiema, inklużi intermedjazzjoni tax-xogħol illegali u traffikar tal-bnedmin, jew ta' reati relatati mal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, assoċjazzjoni kriminali tat-tip mafjuż jew reati oħra relatati ma' kriminalità organizzata serja, kif definiti skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, meta l-kundanna tikkonċerna l-benefiċjarju, ir-rappreżentant legali tiegħu jew persuni li jeżerċitaw sjieda jew kontroll fuq il-benefiċjarju.

tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali jew reati relatati mal-parteċipazzjoni f'reat kriminali ta' sfruttament sever tal-ħaddiema bħal

xogħol mhux iddikjarat, intermedjazzjoni illegali tax-xogħol u traffikar tal-bnedmin.

7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' verifika ex ante biex jiżguraw li l-appoġġ tal-PAK jingħata esklużivament lil benefiċjarji ġodda li jikkonformaw mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni stabbiliti fl-Anness I, il-Parti B. Il-verifika ex ante għandha ssir qabel ma jingħataw l-ewwel fondi tal-PAK u għandha tkun mibnija fuq mekkaniżmi ta' diliġenza dovuta eżistenti u tagħmel użu mill-għodod diġitali, l-indikaturi tal-kongruenza tal-input tal-ħaddiema u l-kontroverifika tad-data li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, inklużi l-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali u tax-xogħol, għall-fini tal-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' konformità, abbuż jew frodi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR; Il-paragrafu 1 ġie emendat biex tħalliet barra s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali mill-eżenzjoni mogħtija lill-benefiċjarji ta' inqas minn 10 ettari. Ġew miżjuda l-paragrafi li ġejjin: 2, 6 (ġdid) u 7 (ġdid).Fir-rigward tal-kundizzjonalità soċjali, l-Istati Membri kollha għandhom japplikaw sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi li jkunu bbażati fuq in-natura tal-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u fuq is-severità, il-firxa, id-durata, ir-riokkorrenza u l-intenzjonalità tiegħu.

Emenda 1077
Barry Cowen, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament SNR [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-

Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji li jirċievu appoġġ fl-ambitu ta' interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p), mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-paragrafi 1 u 5 ta' dan l-Artikolu, is-sistema ta' kontroll u tal-penali ma għandhiex tapplika għall-benefiċjarji li jirċievu pagamenti msemmija fl-Artikolu 7.

Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20j (ġdid) [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1 għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u mill-penali skont dan l-Artikolu. Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-PAK, tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, u l-istandards tax-xogħol applikabbli, biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu. Dawk is-sistemi għandhom ikunu kompatibbli mas-sistemi ta' kontroll imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija

tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u klassifikazzjoni tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza jew tal-okkorrenza mill-ġdid u tal-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament XX [intendenza tal-azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) in-nuqqas ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 1b (ġdid) (2) [definizzjoni qafas tal-attività agrikola];

(b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 1a (ġdid), (4a) [definizzjonijiet - azjenda] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

Madankollu, jekk in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna żoni forestali, il-penali msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhomx jiġu applikati meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe żmien fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi

agrikoli.

Fis-sistema ta' penali amministrattivi tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri:

(a) għandhom jinkludu regoli dwar l-applikazzjoni tal-penali amministrattivi f'każijiet meta jkun hemm trasferiment tal-art agrikola, jew ta' azjenda agrikola, jew parti minnha, matul is-sena kalendarja jew is-snin kalendarji kkonċernati; dawk ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq allokazzjoni ġusta u ekwa tar-responsabbiltà għal nuqqasijiet ta' konformità fost iċ-ċedenti u ċ-ċessjonarji; Għal dan l-għan, "trasferiment" tfisser kwalunkwe tip ta' tranżazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola, jew l-azjenda agrikola, jew parti minnha, ma tibqax għad-dispożizzjoni tat-trasferent;

(b) jistgħu jiddeċiedu, minkejja l-paragrafu 1, li ma japplikawx penali amministrattivi għal benefiċjarju għal kull sena kalendarja meta l-ammont tal-penali jkun ta' EUR 100 jew inqas; madankollu, il-benefiċjarju għandu jkun infurmat bis-sejbien ta' nuqqas ta' konformità u bl-obbligu li jieħu azzjoni ta' rimedju għall-futur;

Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u (p) ta' dak ir-Regolament, sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, ta' dan ir-Regolament mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi

ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. Penali imposta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-atti legali elenkati fl-Anness I, il-partijiet A u B, ta' dan ir-Regolament XX għall-istess att jew ommissjoni ta' bidwi jew benefiċjarju ieħor għandha titnaqqas fil-kalkolu tal-penali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Meta n-nuqqas ta' konformità jkollu konsegwenzi gravi għall-ilħuq tal-objettiv tal-istandard jew ir-rekwiżit ikkonċernat jew jikkostitwixxi riskju dirett għas-saħħa pubblika jew tal-annimali, għandu jiġi applikat perċentwal ta' tnaqqis ogħla minn dak ta' 3 %. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. Għal dan l-għan, okkorrenzi oħra tal-istess nuqqas ta' konformità mingħajr raġuni ġustifikata mill-benefiċjarju għandhom jitqiesu li huma każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk:

(a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali;

	(b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.
	Meta n-nuqqas ta' konformità ma jkollu ebda konsegwenza jew konsegwenzi insinifikanti għall-ilhuq tal-objettiv tal-istandard jew ir-rekwiżit ikkonċernat, ma għandha tiġi applikata ebda penali amministrattiva. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' sensibilizzazzjoni biex jiżguraw li l-benefiċjarji jkunu infurmati dwar in-nuqqas ta' konformità misjuba u l-azzjonijiet possibbli ta' rimedju li għandhom jittieħdu. Dak il-mekkaniżmu għandu jinkludi wkoll is-servizzi konsultattivi speċifiċi għall-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li l-parteċipazzjoni fihom tista' ssir obbligatorja għall-benefiċjarji kkonċernati.

Or. en

Emenda 1078
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament SNR [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni

għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, u l-istandards tax-xogħol applikabbli, biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, fejn ikun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u klassifikazzjoni tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza jew tal-okkorrenza mill-ġdid u tal-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament XX [intendenza tal-azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: (a) in-nuqqas

ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 1b (ġdid) (2) [definizzjoni qafas tal-attività agrikola]; (b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 1a (ġdid), (4a) [definizzjonijiet - azjenda] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

Madankollu, jekk in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna żoni forestali, il-penali msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhomx jiġu applikati meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe żmien fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli. Meta jimplimentaw penali amministrattivi li jirriżultaw minn ksur tar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament dwar il-PAK, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lis-sħab soċjali nazzjonali rilevanti li jirrappreżentaw lill-impjegaturi u lill-ħaddiema fis-settur agrikolu. Tali konsultazzjoni għandha ssir b'rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, inkluż id-dritt tagħhom li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi. Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u (p) ta' dan ir-Regolament, sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, ta' dan ir-Regolament mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-

sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk: (a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali; (b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.

5a (ġdid). B'deroga mill-paragrafu preċedenti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' klassifikazzjoni li tispeċifika l-penali amministrattivi applikabbli għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B, żviluppata f'konsultazzjoni sħiħa mas-sħab soċjali li jirrappreżentaw lill-maniġment u lill-ħaddiema fis-settur agrikolu. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkludi tnaqqis fil-pagamenti u l-benefiċċji tal-PAK u, meta jkun applikabbli, esklużjoni

totali minn tali pagamenti u benefiċċji. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tiddetermina t-tnaqqis applikabbli billi tqis is-severità tal-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, l-għadd (il-firxa) ta' ħaddiema affettwati u l-permanenza jew ir-riokkorrenza u l-intenzjonalità.

It-tnaqqis dejjem għandu jkun ta' mill-inqas 7 % tal-ammont totali tal-pagamenti u l-benefiċċji tal-PAK riċevibbli u għandu jiżdied b'mod progressiv skont is-serjetà tal-ksur u l-għadd ta' ħaddiema affettwati.

Meta l-istess nuqqas ta' konformità jippersisti jew jerġa' jseħħ fi żmien tliet snin kalendarji konsekuttivi, it-tnaqqis iddeterminat skont is-sistema tal-klassifikazzjoni għandu jiżdied b'50 %. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jiġi rdoppjat.

Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tipprevedi esklużjoni totali mill-pagamenti u mill-benefiċċji tal-PAK meta n-nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi ksur sistemiku tad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż fejn jikkonċerna ksur partikolarment serju, jaffettwa għadd sinifikanti ta' ħaddiema, jew jifforma parti minn mudell ta' nuqqas ta' konformità ripetut jew intenzjonat.

Il-benefiċjarji li jkunu nstabu ħatja ta' sfruttament tal-ħaddiema, xogħol mhux iddikjarat, intermedjazzjoni illegali tax-xogħol, traffikar tal-bnedmin, frodi soċjali u mġiba kontra l-unions dejjem għandhom jiġu esklużi kompletament mill-pagamenti msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament PSNR.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 3a (ġdid) (dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR) — it-tħassir tas-subparagrafu 1.1. dwar l-eżenzjoni tal-bdiewa taħt l-10 ettari; l-introduzzjoni ta' konsultazzjoni obbligatorja tas-sħab soċjali nazzjonali rilevanti fil-paragrafu 5; it-tħassir fil-

paragrafu 5 dwar tnaqqis possibbli fil-penali tal-kundizzjonalità soċjali jekk japplikaw sanzjonijiet fl-Istat Membru rispettiv; iż-żieda tal-paragrafu 5a (ġdid) dwar sistema effettiva ta' sanzjonijiet.

Emenda 1079
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament SNR [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20j (ġdid) [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u mill-penali skont dan l-Artikolu, ħlief għas-sistema tal-kundizzjonalità soċjali.
	Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, u l-istandards tax-xogħol applikabbli, biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, fejn ikun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u klassifikazzjoni tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza jew tal-okkorrenza mill-ġdid u tal-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament XX [intendenza tal-azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) in-nuqqas ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 1b (ġdid) (2) [definizzjoni qafas tal-attività agrikola];

(b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 1a (ġdid), (4a) [definizzjonijiet - azjenda] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

Madankollu, jekk in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna żoni forestali, il-penali msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhomx jiġu applikati meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe żmien fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli.

Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u (p) ta' dak ir-Regolament, sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, ta' dan ir-Regolament mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità. Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. Penali imposta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-atti legali elenkati fl-Anness I, il-partijiet A u B, ta'

dan ir-Regolament XX għall-istess att jew ommissjoni ta' bidwi jew benefiċjarju ieħor għandha titqies fil-kalkolu tal-penali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk:

(a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali;

(b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.

Sabiex ikunu konformi mal-kontroll tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kampjun ta' kontroll għall-verifiki fuq il-post li għandhom jitwettqu kull sena abbażi ta' analiżi annwali tar-riskju li tinkludi komponent aleatorju u tkopri mill-inqas 1 % tal-benefiċjarji.

Jekk jiġi identifikat nuqqas ta' konformità permezz ta' sistema ta' kontroll li tkopri 100 % tal-benefiċjarji, il-penali msemmija fl-Artikolu 3a(5) tista' tiġi stabbilita għal 0,5 %.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(former NRP Art. 62(1)to(5). New text: In parag 1 social conditionality is excluded form the exemption to beneficiaries below 10 ha . New text: the last two 2 paragraphs added: "In order to comply ...1% of beneficiaries" and "If a non ...0´5%" Provision should be made for a minimum percentage of beneficiaries to be subject to on-the-spot checks – set at 1 per cent – and for the fact that such checks may, where appropriate, be carried out using the area monitoring system, in order to maintain a uniform percentage of checks across the European Union and avoid discrepancies in the number of checks carried out by each Member State. In the event that a breach is detected through a check covering 100 per cent of beneficiaries –

which acts as a significant deterrent – the penalties should be lower and should be set at 0.5 per cent

Emenda 1080
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. L-Istati Membri (...) imsemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20j (ġdid) [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, Stat Membru jista' jikkunsidra, meta debitament jiġġustifika dan b'evidenza, li l-benefiċjarji jistgħu jitqiesu li għandhom riskju aktar baxx li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet bażi, u abbażi ta' dan ikunu soġġetti għal rata ta' kontroll saħansitra aktar baxxa mir-rata standard ta' 1 %. It-tnaqqis għall-azjendi agrikoli iżgħar minn 10 ettari għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 1 % tal-ammont totali tal-pagamenti, imnaqqas mit-3 % tas-soltu.
	Meta benefiċjarju jkun intgħażel (...) inaqqas il-livell ta' verifiki.
	2. (...)
	3. (...)
	4. (...)
	5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe żmien fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi

agrikoli. Meta jistabbilixxu l-penali amministrattiva li tirriżulta minn ksur tar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B tar-Regolament dwar il-PAK, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lis-sħab soċjali nazzjonali rilevanti li jirrappreżentaw lill-maniġment u lill-ħaddiema fis-settur agrikolu. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tas-sħab u d-dritt tagħhom li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi.

Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u (p) ta' dak ir-Regolament, sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, ta' dan ir-Regolament mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità. Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta'

nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. It-tnaqqis għall-azjendi agrikoli iżgħar minn 10 ettari għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 1 % tal-ammont totali tal-pagamenti, imnaqqas mit-3 % tas-soltu.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk: (a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali;

(b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.

(5a ġdid) B'deroga mill-paragrafu preċedenti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' klassifikazzjoni li tispeċifika l-penali amministrattivi applikabbli għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B, żviluppata mas-sħab soċjali. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tqis is-severità tal-ksur, l-għadd ta' ħaddiema affettwati (il-firxa) u r-riokkorrenza u l-intenzjonalità u għandha tinkludi tnaqqis u, meta jkun applikabbli, esklużjoni totali mill-pagamenti u mill-benefiċċji.

It-tnaqqis dejjem għandu jkun ta' mill-inqas 7 % tal-ammont totali tal-pagamenti u tal-benefiċċji tal-PAK riċevibbli u għandu jiżdied b'mod progressiv skont is-serjetà tal-ksur u l-għadd ta' ħaddiema affettwati.

Meta l-istess nuqqas ta' konformità jippersisti jew jerġa' jseħħ fi żmien tliet snin kalendarji konsekuttivi, it-tnaqqis iddeterminat skont is-sistema tal-klassifikazzjoni għandu jiżdied b'50 %. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jiġi rdoppjat.

Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tipprevedi esklużjoni totali mill-pagamenti u mill-benefiċċji tal-PAK, meta n-nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi ksur

sistemiku tad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż fejn jikkonċerna ksur partikolarment serju, jaffettwa għadd sinifikanti ta' ħaddiema, jew jifforma parti minn mudell ta' nuqqas ta' konformità ripetut jew intenzjonat.

(5b ġdid) Minbarra s-sistema eżistenti ta' intendenza tal-azjendi agrikoli, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu evalwazzjoni ex ante biex jevitaw li jagħtu appoġġ tal-PAK lill-benefiċjarji li jiksru r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.

L-evalwazzjoni ex ante għandha ssir qabel l-għoti annwali tal-finanzjament tal-PAK u għandha tinbena fuq mekkaniżmi, għodod u kontroverifika tad-data eżistenti. Il-kampjun ta' evalwazzjoni għandu jevalwa minimu ta' 5 % tal-benefiċjarji b'enfasi fuq benefiċjarji b'riskju ogħla. Il-benefiċjarji li ma jkunux konformi għandhom jingħataw opportunità ta' rimedju f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar il-penali.

Or. en